SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 15-2016

Illum it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2016

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4.00p.m

## PREŻENTI

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 14-16 li saret nhar it-Tnejn, 18 ta' April 2016 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### *1.1.1 Iz-Zuntier tal-Knisja*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 1.1.3 tal-laqgħa preċedenti u tkellem dwar l-aħħar żviluppi li kien hemm fir-rigward taz-zuntier tal-knisja. Huwa qal li l-gvern ċentrali kellu ppjanat li jagħmel xogħolijiet fil-ġnub taz-zuntier. Huwa kompla jgħid li l-ħsara fuq iz-zuntier kienet ir-responsabilta' tal-knisja u dawn ser jindirrizaw il-problema. Is-Sindku qal ukoll li l-knisja diġa kellhom pjanti u stima ta' proġett għaz-zuntier u bħalissa l-gvern qed jara dawn il-pjanti biex jiġi kordinat ix-xogħol bejn il-gvern u l-knisja. Huwa temm jgħid li dan il-proġett ser jiġi fis-seħħ f'Ġunju tas-sena 2017.

Il-Viċi Sindku tkellem dwar ix-xogħol li kellu jsir biex isir aċċess għal fuq iz-zuntier għal karozzi tal-funerali u tat-tiġijiet. Huwa qal li meta kien Sindku kien hemm ftehim mal-Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura li dan ix-xogħol kellu jsir b'effett immedjat. Huwa ppreżenta quddiem il-Kunsill numru ta' *e-mails* li kellu f'dan ir-rigward. Saret diskussjoni u ġie deċiż li terġa titaqajjem din l-*issue* mad-Direttur ikkonċernat.

### *1.1.2 Xogħol fuq bankina fi Triq Gardenja*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għall-minuta 4.5 tal-laqgħa preċedenti u qal li waqt il-konferenza tar-Regjun Nofsinhar li saret nhar is-Sibt 21 ta' Mejju 2016 intqal li ż-żewġ ħaddiema tal-IPSL li għandu assenjati miegħu r-Reġjun qed jagħmlu xogħolijiet marbuta ma aċċess aħjar għal persuni b'disabilita'. Huwa ppropona li l-Kunsill jieħu din l-opportunita' u jitlob li juża dawn il-ħaddiema biex isir ix-xogħol propost għal aċċess aħjar għal persuna b'disabilita' fi Triq Gardenja. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### *1.1.3 Tabella f'Dawret it-Torri*

Il-Viċi Sindku irrefera għal minuta 1.1.2 tal-laqgħa preċedenti u qal li kien tkellem ma' uffiċjal tal-Animal Welfare li qallu li l-*wording* fuq it-tabella kellu jkun li '*min jitma l-annimali irid inaddaf warajh*' u mhux '*ħadd ma jista' jitma annimali f'din l-area'*. Il-Kunsill qabel li din it-tabella għandha tiġi emendata u jsiru sitt tabelli b'kollox biex jitwaħħlu f'diversi toroq oħra fejn teżisti din il-problema.

Il-Kunsillier Bonello qal li hemm bżonn issir tabella mal-*paper bin* li hemm quddiem id-dar tiegħu peress li hemm min qed jabbuża u jarmi ħrieqi u ħmieġ tal-klieb f'dan il-*bin*.

### *1.1.4 Catch the Drop Campaign*

Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienetx inġiebet kwotazzjoni tal-ispiża nvoluta biex issir *manhole* li l-Kunsill irid jagħmel fi Triq il-Ġiżimin. Huwa qal li l-Kunsill għandu sa l-aħħar ta' Ġunju 2016 biex jipproponi li dawn isiru taħt il-Catch the Drop Campaign. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet talbet din l-informazzjoni lil perit tal-Kunsill.

### *1.1.5 Xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien is-Serenita' u l-Playing Field*

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal minuta 1.1.5 tal-laqgħa preċedenti u staqsa għala l-funtani ta' Pjazza 7 ta' Lulju u tal-Ġnien is-Serenita' għadhom mhux jaħdmu. Is-Sindku qal li min kien ħadem fuq il-funtana ta' Pjazza 7 ta' Lulju ħalla diżastru u periklu fil-*pump room*. Huwa qal li għalhekk kienet tinsab mitfija l-funtana tal-Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku qal ukoll li fil-funtana tal-Ġnien twaħħlu l-pompi l-ġodda iżda ma settetx tintela l-funtana għax kien hemm *leakage*. Huwa qal li l-Inginier tal-Kunsill għamel il-*membrane* u jekk kollox imur sew tintela' l-funtana il-lejla stess. Saret referenza għall-*lamp poles* ġodda li kellhom isiru fil-Playing Field u s-Sindku qal li irriżulta li dawk li hemm għadhom tajbin.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn t-Tnejn, 18 ta' April 2016 u t-Tnejn, 23 ta' Mejju 2016 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0496-16-O – Onor.Ministru Joe Mizzi – Proġetti Pendenti
- 0507-16-O – Park Directorate – *Tree Planting in* Santa Luċija
- 0530-16-O – Trasport Malta – *Traffic Light Junction*
- 0564-16-O – Kunsill Konsultativ Għan-Nofsinhar ta' Malta – Użu tal-Ġnien għall-laqgħa pubblika

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0514-16-I – Aġenżija LESA - Immaniġjar tat-traffiku waqt attivitajiet kulturali
- 0520-16-I – Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar – Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2016
- 0527-16-I – The Clean Food Movement – *Use of Glyphosate*
- 0538-16-I – Clay Club – *Pottery Classes*
- 0543-16-I – Trasport Malta – *Traffic Light Junction* fi Triq Luqa
- 0547-16-I – Residenta – Tindif u Knis
- 0561-16-I – Stella Maris College Scout Group - *Afforestation*
- 0554-16-I – International Events Management Company – *International Beers*
- 0571-16-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Proġetti mill-Kunsilli Lokali taħt *Priority Axis 4 u 5*
- 572 -16-I – MEUSAC – ERDF PA5
- 0472-16-I – Departiment għall-GvernLokali – *Interreg Europe Programme*

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- SLLC Memo 11-2016 - Xogħol ta’ Gutter fejn Blokk VII fi Triq il-Ġnien
  - Ħin tal-Ftuħ fi Ġnien is-Serenita’
  - Ħin ta’ l-Uffiċċju għada it-Tlieta 26 ta’ April 2016
- SLLC Memo 12-2016 - Talba biex il-Magna tal-Qalb (AED) titwaħħal mal-bini tal-Għassa tal-Pulizija
- SLLC Memo 13-2016 - Kwotazzjonijiet għal xiri ta’ biljetti tal-ajru għaċ-Cina
- SLLC Memo 14-2016 - Servizz ta’ sorveljanza u kordinament ta’ xogħol u attivitajiet fi Ġnien is-Serenita’

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0514-16-I il-Kunsill ġie nfurmat li kull talba għal servizz tal-immaniġġjar tat-traffiku (TMS) għall-attivitajiet kulturali għandha ssir direttament lill-Aġenzija Lesa. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li xi siegħat minn dan is-servizz ser jingħata mingħajr ħlas bħala għajnuna lill-Kunsill Lokali.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0527-16-I fir-rigward tal-użu *Glyphosate*, il-Kunsll qabel li l-Kuntrattur ELC u Kuntrattur tal-Knis u Tindif ta' Toroq għandhom jintgħalbu l-informazzjoni rikjesta mill-The Clean Food Movement.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0538-16-I il-Kunsill innota proposta biex isiru *pottery classes* fis-sajf. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab aktar informazzjoni f'dan ir-rigward.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0543-16-I il-Kunsill innota tweġiba ta' Trasport Malta dwar l-aħħar proposta tal-Kunsill fir-rigward tat-*Traffic Light Junction* li għadha ssir fi Triq Luqa. Il-Kunsill innota li fit-tweġiba tagħha Trasport Malta nfurmat lil Kunsill li ma jistax ikun hemm *trial period* minħabba d-*design* u l-*installation* tal-*Junction*. Saret diskussjoni u finalment il-Kunsill qabel li għandu joqgħod fuq il-parir ta' nies professjonali f'dan il-qasam. Il-Kunsill inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lil Trasport Malta dwar din id-deċiżjoni.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0547-16-I il-Kunsill innota *e-mail* ta' residenta li bagħtet ritratt ta' skart miġbur fi Triq il-Kaħwiela. Ġie nutat li l-iskart imsemmi kien dak li wieħed isib fil-borza l-ħadra u li probabli kienet tqattet xi borża ħadra u xtered l-iskart li kien fiha.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0561-16-I il-Kunsill laqgħa l-proposta li qed jagħmlu Stella Maris College Scout Group biex fl-okkażjoni tal-għeluq is-sittin sena mitt twaqqif ta' dan il-*group*, jagħmlu donazzjoni ta' numru ta' siġar fil-lokalita' ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li dawn is-siġar jistgħu jinżraw f'*area* miftuħa f'Wied Garnaw. Il-Kunsill qabel li din l-*area* tista' tiġi mdawwra b'ċint ta' tlett filati u kkommetta ruħu li jieħu ħsieb t-tisqija ta' dawn is-siġar billi jinkera servizz ta' bowser. Għandha ssir laqgħa ma rappreżentanti ta' Stella Maris Scout Group f'dan ir-rigward.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0554-16-I il-Kunsill ħa nota ta' *e-mail* minn International Events Management Company li qed juru interess jipparteċipaw f'attivitajiet tal-Kunsill biex jesibixxu birer internazzjonali

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0554-16-I il-Kunsll iddiskuta korrispondenza mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali dwar proġett tal-Kunsilli Lokali taħt is-sejħa ERDF (PA 5) Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill kellu sas-27 ta' Mejju 2016 biex jissottometti *brief* dwar *Priority* PA 5 li fil-każ tal-Kunsill ta' Santa Luċija kien jirrigwarda il-proġett tal-Ipoġew fi Triq Lellux. Hija nfurmat

ukoll li f'korrispondenza li kien hemm mal-Meusac dwar dan il-*brief* jirriżulta li biex il-proġett ikun eleġibbli għal fondi, irid ikun fuq propjeta tal-Kunsill u il-Kunsill irid jipprova li għandu 20% ta' kemm ser jiswa l-proġett bħala *co-financing*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li jrid ikun hemm *project leader* sew għal proġett taħt PA 5 u sew għal Proġett taħt PA 4. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dawn il-proġetti b'mod partikulari PA 5 peress li kien hemm *deadline* biex jitlesta l-*brief.* Billi dan il-proġett kien ippjanat li jsir fuq art li taqa' taħt il-Heritage Superintendance, il-Sindku kien ser jitkellem mal-Ministru għall-Kultura dwar il-kordinament ta' dan il-proġett.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Management Letter – Audit 2015*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-*Management Letter* li tħejjiet mill-awdituri tal-Kunsill wara li tlesta l-awdijat għas-sena 2015. Hija qalet li flimkien mal-*accountant* tal-Kunsill qed tħejji t-tweġiba u din ser tinbagħt lil membri kollha tal-Kunsill qabel titbagħt lil Awditur Ġenerali.

### 4.2 Town Twinning – Żjara f' Gusu fiċ-Ċina

Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar arranġamenti għaż-żjara li ser tagħmel delegazzjoni tal-Kunsill f'Gusu fiċ-Ċina. Il-Kunsill approva subsistance allowance ta' 40% li tkopri *sundry expenses* u żewġ ikliet kuljum. Il-Kunsill iddiskuta wkoll ix-xiri ta' platti komemorattivi għal waqt din iż-żjara. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed jitħejja d-diskors li ser jagħmel is-Sindku waqt iċ-Ċerimoja tal-iffirmat tal-ftehim u kien hemm qbil li dan għandu jsir bil-Malti.

### 4.3 Korsijiet tal-*Computer*

Il-Kunsill qabel li għandhom jibqu jsiru il-korsijiet tal-komputer offruti mit-TCTC kemm il-darba jkun hemm interess biżżejjed mir-residenti.

### 4.4 Użu tal-Picnic Area għal attivita' privata

Saret referenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill li ttieħdet fil-laqgħa tal-Kunsill tax-xahar ta' Marzu 2016 minuta 4.7. Is-Sindku talab il-Kunsill biex jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu peress li l-attivita' kienet ser issir fil-Picnic Area u mhux fi Ġnien is-Serenita. Wara li ħa inkonsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Kunsill qabel li l-ħlas li kellu jsir għaċ-ċerimonja tat-tieġ fi Ġnien is-Serenita' għandu jibqa kif deċiż skond il-Bye-Laws. Għal parti tal-attivita li ser issir fil-Picnic Area ġie deċiż li il-ħlas mitlub jitnaqqas b'50% minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ.

**4.5 Sejħa għal kwotazzjonijiet**

Is-Segretarju tal-Kunsill infurmat lil Kunsill li kienet ser toħroġ tlett sejħiet għal kwotazzjonijiet kif ġej:

**Kwotazzjonijiet: SLLC Q (57/16/03) – Provista u Installazzjoni ta' Sistema ta' CCTV fil- Playing Field Area**

**Kwotazzjonijiet: SLLC Q (57/16/04) – Servizz Temporarju għall Kuratur għall-Ġnien is-Serenita'**

**Kwotazzjonijiet: SLLC Q (57/16/05) – Provista u Installazzjoni ta' *Air Conditioners***
**Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għas-sejħa bir-referenza SLLC Q (57/16/04) u qrat il-kundizzjonijiet marbuta ma' dan is-servizz. Il-Kunsill tal-approvazzjoni tiegħu għal din is-sejħa.**

Fir-rigward tas-sejħa bir-referenza SLLC Q(57-16-05) is-Sindku qal li hemm bżonn jinxtara *air conditioner* ġdid għall-uffiċċju tiegħu. Huwa qal li kien ħa parir tekniku u jirriżulta' li dan ma jistgħax jissewwa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li is-sejħa msemmija tiprovdi wkoll għal xiri ta' *air conditioners* għal Berġa f'każ li l-Kunsill jiddeċiedi li jagħmel dawn. Il-Kunsill qabel li jitkellem mad-Dipartiment tal-Kura Primarja qabel jiddeċiedi.

***4.6 Jum Santa Luċija***

Is-Sindku tkellem dwar Jum Santa Luċija u qal għal din is-sena ser tittella' attivita' fi Pjazza 7 ta' Lulju nhar is-Sibt 9 ta' Lulju. Huwa qal li ser issir quddiesa fuq iz-zuntier fejn ser jittella kunċert mill-Joy Gospel Chior. Huwa qal li aktar dettalji jingħataw aktar il-quddiem.

***4.7 Safety Wear għal ħaddiema tal-ETC***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li waqt laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-*Community Work Scheme* il-Kunsill intalab jixtri ilbies marbut mas-*safety* ta' dawn il-ħaddiema bħal ingwanti, *safety shoes* etc. Il-Kunsill approva din it-talba.

***4.8 Ħinijiet tal-Ftuħ u għeluq ta' Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsillier Bonello qal li xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ġnien fit-tmienja ta' filgħaxija kien diġa magħluq. Is-Sindku qal li bħalissa l-ġnien suppost idum miftugħ sad-9.00p.m u x'ħin jibdew il-ħinijiet tas-Sajf, dan jibqa miftugħ sal-10.00p.m.

### *4.9 Żbir ta' siġar*

Il-Kunsillier Liam Sciberras tkellem dwar iż-żbir ta' siġar u qal li hemm bżonn li jinżabru s-siġar ta' mal-perimeter tal-Binja 21 ta' Settembru fi Triq Mabel Strickland u Triq Prinjoli.

### 4.10 *APPELLI FIL-QORTI – Kuntratt SS(57-15-03 Servizz ta' Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti waqt is-smiegħ tal-Appell hawn fuq imsemmija. Huwa qal li s-sentenza tal-qorti ser tingħata fl-24 ta' Ġunju 2016.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 6111 sa numru BOV 6176 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn il-11 ta' April 2016 u t-13 ta' Mejju 2016.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru CM14-16 -15(18-04-2016)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' April 2016 Ammont *Gross* €4589.63

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | BR(57-16-02) | Serv. Frar 2016 | 430.95 |
| Ronald Bezzina | BR(57-16-02) | Serv. Jannar 2016 | 421.20 |
| Ronald Bezzina | BR(57-16-02) | Serv. Marzu 2016 | 524.55 |
| Ronald Bezzina | BR(57-16-02) | Extra Service | 245.00 |
| Joseph & Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Serv-April2016 | 1982.54 |
| ELC Ltd | PKG 57 | Serv-April 2016 | 2061.50 |
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Serv-April 2016 | 366.93 |

### 5.4 Approvazzjoni ta' ħlasijiet ta' xogħolijiet relatati mal-*upgrading* tal-Berga skond kwotazzjonijiet miġbura u approvati mill-Kunsill

| Kuntrattur | Ref: | Diskrizzjoni | Kont | Euro |
|---|---|---|---|---|
| **Raymond Cuschieri** | **SLLC-Q(57-15-09)** | **Supply of Sanitary Ware and Tiles including extras** | **16699** | **2415.00** |

**5.5** ***Kiri ta' servizz ta' Emerġenza***

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €226.80 għal servizz ta' emerġenza li ngħata matul ix-xahar ta' Frar 2016 u Marzu 2016 u l-ħlas li jammonta għal €184.80 għax-xahar ta' April 2016, servizz li qed jinkera matul il-jum ta' kull nhar ta' Sibt u Ħadd minn meta tneħħa s-servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' fil-ġranet imsemmija. Il-Kunsill approva wkoll servizz ta' emergenza għas-somma ta' €130.20 għal servizz ta' *watchman* li nkera fil-ġranet li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi dan is-servizz kien bil-*leave* jew marid.

**5.6 Servizz ta' kordinatur**

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €70.00 għal servizz ta' kordinatur tal-*computer courses* li saru wara l-ħin tal-uffiċċju. Il-Kunsill approva wkoll il-ħlas ta' €25.00 għal servizz ta' kordinatur waqt attivita' fi Ġnien is-Serenita li nkera bi ħlas skond il-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita.

## 6. BUSINESS PLAN 2016-2018

Il-Kunsill iddiskuta fid-dettal il-Business Plan għas-snin 2016-2018. Ġew nutati xi emendi li riedu jsiru. Ġie nutat ukoll li fejn jirrigwarda l-Jogging Track għandu jiġi nkluż il-proġett tad-Dog Park li għandu jsir quddiem Blokk I. Fir-riġward tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku għandu jiġi elenkat x'ser ikun fih dan il-bini fosthom l-uffiċċini tal-Kunsill, *multi purpose hall*, liberija u IT Centre, ċentru għall-anzjani u għat-tfal kif ukoll Fitness Centre li jinkludi *Aquatherapy Indoor pool*. Il-Kunsill approva l-Business Plan 2016-2018 kif emedata.

## 7. TENDER NO. RR/PW(57-16/01) – Road Resurfacing and Major Patching Works

Il-Kunsill iddiskuta Adjudiction Report li tħejja mill-perit tal-Kunsill fir-riġward tas-sejħa hawn fuq imsemmija li għaliha intefgħu żewġ offerti. Is-Sindku qal li kien iltaqa' mal-kuntrattur li tefa' l-orħos offerta fejn infurmaħ bl-*istandards* li qed jistenna l-Kunsill fuq dan il-kuntratt. Il-Kunsill qabel li jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-perit li dan il-kuntratt jingħata lil Dimbros Ltd li tefa' l-orħos rati għal din is-sejħa.

## 8. BYE LAWS ĠNIEN IS-SERENITA’

Is-Sindku rrakomanda lid-diskussjoni fuq il-Bye-Laws ta’ Ġnien is-Serenita’ tkun fuq l-Agenda tal-laqgħa li jmiss.

## 9. AMBAXXATUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-Kunsill iddiskuta l-ħatra ta’ Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ġdid peress li dik preżenti issa kienet għalqet it-tmientax il-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li kienet talbet linja ġwida mid-Dipartiment u jirriżulta li l-Kunsill jista jimxi hekk kif jiddeċiedi u jista’ jaħtar Ambaxxatur ieħor flok li hemm. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ għandu jiġi nnominat miż-żgħażagħ stess u l-għażla ssir billi jkunu ż-żgħżagħ stess li jagħżlu r-rappreżentant tagħhom fil-Kunsill billi jivvutaw għal żgħażagħ li jkunu ġew nominati għal din il-kariga. Din il-proposta ġiet milqugħa u wara diskussjoni li saret f’dan ir-rigward il-Kunsill qabel li l-ewwel pass għandu jkun li jinħareġ avviż biex żgħażagħ ta’ bejn is-sittax u t-tmientax il-sena jistgħu jinnominaw żgħażagħ oħra tal-istess eta biex jinnominawhom għall-kariga ta’ Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

Għandha tintbagħt ittra ta’ ringrazzjament lis-sinjorina Claire Mamo li servit f’din il-kariga minn Novembru 2013 sa issa.

## 10. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.45 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 27 ta' Ġunju 2016 fis-1.30p.m

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ..................,..... ta' ....................… 2016**

**Terrence Ellul**
**Sindku**